

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għall-Petizzjonijiet*

**2006/2018B(BUD)**

13.9.2006

## **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet

għall-Kumitat għall-Baġit

dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja  
2007  
(C6-0000/2006 -2006/2018B(BUD))

Sezzjoni VIII(A) - L-Ombudsman Ewropew

Rapporteur għal opinjoni: Alexandra Dobolyi

PA\_NonLeg

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet innota l-istimi ta' l-Ombudsman għall-ħtiġijiet baġitarji għas-sena 2007, li huwa ppreżenta lill-awtorità baġitarja skond l-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju<sup>1</sup>.

Skond id-dokument ta' l-istimi l-Ombudsman jikkunsidra bħala ż-żewġ attivitajiet ewlenija tiegħu:

- li jittratta l-ilmenti u jagħmel investigazzjonijiet, jew ibbażati fuq l-ilmenti jew fuq inizjattiva tiegħu stess. F'din il-ħidma, huwa jikkopera u jżomm kuntatti ma' netwerk ta' ombudsmen nazzjonali u entitajiet simili fl-UE; u
- li jikkomunika ma' u jilħaq liċ-ċittadini; kif ukoll li jinfurmahom dwar id-drittijiet tagħhom skond il-liġi komunitarja. Dan jimplika attività konsiderevoli fil-qasam tal-komunikazzjoni, pubblikazzjoni u informazzjoni.

Sabiex ikun jista' jwettaq dawn l-attivitajiet b'mod effiċjenti u effettiv l-istaff ta' l-Ombudsman ukoll irid iwettaq numru ta' attivitajiet amministrattivi u maniġerjali orizzontali. Dawn jinkludu l-immaniġġjar baġitarju, finanzjarju u ta' l-istaff, l-immaniġġjar ta' l-IT, l-arkivjar, korrispondenza maċ-ċittadini li m'għandiex x'taqsam ma' ilmenti, żamma ta' kuntatti ma' istituzzjonijiet oħra, eċċ.

### **Karatteristiċi ewlenin tal-baġit**

Il-baġit sħiħ mitlub jammonta għal € 8,252,800. Dan l-ammont jirrapreżenta żieda ta' 7.4% (+ € 570,262) meta mqabbel mal-baġit ta' l-2006. F'termini reali l-istimi juru tkabbir limitat ta' 5.4%.

### **Tifdil u rilokazzjoni ta' l-ispiża operattiva**

L-istimi juru żieda ta' 8 linji baġitarji minn 36. B'riżultat ta' dan 24 linja juru tnaqqis u 4 linji jibqgħu l-istess. Total ta' € 420,000 kien rilokat, li jirrapreżenta 5.09% tal-baġit totali (kontra 4.5% fl-2006). Dan ir-riżultat inkiseb permezz ta' skrutinju sistematiku u bir-reqqa tal-linji baġitarji kollha, bil-ħsieb li jkun iġġenerat tfaddil f'baġit li fih biss numru limitat ta' oqsma baġitarji li jippermettu tfaddil potenzjali.

### **Ammont ta' xogħol**

Fl-2005 l-Ombudsman irċieva 3920 ilment. Dan l-ammont jirrapreżenta żieda ta' 5.2% meta mqabbel ma' l-2004. Il-figura ta' l-2005 tikkonferma t-tendenza għal żieda u l-figuri għall-2006 jissuġġerixxu stabilizzazzjoni fil-livell l-għoli ta' l-2005. Ta' min jinnota iżda li madwar 70% ta' l-ilmenti ppreżentati ma kienux jaqgħu taħt il-mandat ta' l-Ombudsman, u li n-numru ta' ilmenti li wasslu għal investigazzjoni kien 726 (li minnhom 389 wasslu għal investigazzjoni konġunta waħda).

### **Konsolidazzjoni ta' l-organigramma**

---

<sup>1</sup> Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (OJ L 248 of 16.09.2002, p. 1).

Tul is-snin l-ammont ta' xogħol ta' l-Ombudsman żdied b'mod kostanti, kif żdiedet ukoll l-organigramma ta' l-uffiċju tiegħu. Mill-2003 sa l-2006 l-istaff ta' l-Ombudsman kważi rrdoppja, minn 31 post fl-2003 sa 57 post fl-2006. F'kuntrast ma' dan organigramma tas-segretarjat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li bilkemm kiber u għad għandu biss 18-il post. Għall-2007 l-Ombudsman mhux qed jitlob postijiet ġodda. Hemm talba, iżda, biex 10 postijiet eżistenti (5 AD u 5 AST) jittellgħu fil-grad.

### **Riformulazzjoni tal-politika ta' traduzzjoni**

Tul l-aħħar żewġ eżerċizzji tal-baġit, iż-żieda fil-bżonnijiet ta' traduzzjoni ma kinitx kompletament ikkompensata minn żieda fl-appropriazzjonijiet fil-baġit. Sabiex ikunu sodisfatti l-obbligi legali ta' l-Ombudsman u biex titnaqqas l-ispiża għat-traduzzjoni, ġiet adottata, u ser tkun implimentata, politika ġdida għat-traduzzjoni li tinvolvi ftehim ta' koperazzjoni maċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi ta' l-Unjoni Ewropea, li tnaqqas il-volum tar-Rapport Annwali, li tabbanduna traduzzjonijiet inqas importanti, u li żżid in-numru ta' sommarji tad-deċiżjonijiet prinċipali ppublikati fl-Internet. Din il-politika hija mistennija li jkollha effett pożittiv fuq l-appropriazzjonijiet meħtieġa, kemm fuq perjodu ta' żmien qasir u kemm twil.

### **Razzjonalizzazzjoni ta' relazzjonijiet ta' ħidma mal-Parlament Ewropew**

Fil-15 ta' Marzu 2006 kienet iffirmata l-ftehim l-ġdida ta' koperazzjoni mal-Parlament Ewropew. Din daħlet fis-seħħ f'nofs April. Il-ftehim l-ġdida tippermetti, fost affarijiet oħra, aktar trasparenza fil-politika tal-prezzijiet bis-servizzi jitħallsu fuq il-bażi ta' spejjeż individwali, minbarra dawk ta' verifika u kontabilità li għalihom tapplika somma f'daqqa. Ser jibdedw ukoll negozjati mal-Parlament dwar żieda possibbli ta' l-ispazju għall-uffiċċji. Din iżda m'għandiex tkun a skapitu tal-ħtiġijiet tal-Parlament stess.

### **Implimentazzjoni ta' strateġiji operattivi ta' nofs it-term**

L-istimi ta' l-Ombudsman għall-2007 huma bbażati fuq l-identifikazzjoni tal-proġetti li għandhom ikunu implimentati fl-2007 u fis-sentejn ta' wara (2008 u 2009). Dan jippermetti viżjoni multi-annwali u approċċ iktar ibbilanċjat fl-allokkazzjoni ta' proġetti tul is-snin kif ukoll jifrex il-bżonn ta' appropriazzjonijiet sabiex jiġġenera rilokazzjonijiet. B'konformità ma' din l-istrateġija l-Ombudsman iddeċieda li fl-2007 jiffoka biss fuq l-organizzazzjoni tas-seminar bijennali ta' l-Ombudsmen Nazzjonali, li kien organizzat mill-Ombudsman Ewropew l-aħħar darba fl-1996. Minkejja l-ispejjeż għal laqgħa ta' dan it-tip dan l-approċċ jirriżulta f'żieda żgħira ta' 1.5% (+ €12,000 ) fit-Titolu 3 dwar l-infiq.

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jistieden lill-Kumitat għall-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni tiegħu għal riżoluzzjoni:

1. Huwa tal-fehma li l-ammont totali ta' riżorsi baġitarji mitluba mill-Ombudsman ser jippermettulu li jissodisfa l-obbligi skond l-Istatut tiegħu, id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni u l-ftehimha l-ġdida ta' koperazzjoni, u wkoll li jwettaq id-dmirijiet tiegħu b'mod effettiv;
2. Jinnota li ż-żieda ta' 5.4% (f'termini reali) fil-baġit hija relattivament żgħira, meta wieħed jikkunsidra l-ammont totali ta' ilmenti li l-Ombudsman irċieva, l-inflazzjoni u ż-żieda fl-għoli tal-ħajja kif antiċipata mill-Kummissjoni;
3. Huwa kuntent li l-Ombudsman kien kapaċi jiġġenera tfaddil fuq numru ta' linji baġitarji u żied ir-rata ta' rilokazzjoni fil-baġit tiegħu minn 4.5% fil-baġit ta' l-2006 għal 5.09% fil-baġit ta' l-2007;
4. Jappoġġja l-konsolidazzjoni ta' l-organigramma ta' l-Ombudsman u t-talba tiegħu biex 10 postijiet eżistenti (5 AST u 5 AD ) jittellgħu fil-grad;
5. Jappoġġja r-riformulazzjoni tal-politika ta' traduzzjoni ta' l-Ombudsman u jħeġġu biex ikompli jfittex soluzzjonijiet effiċjenti biex inaqqas l-ispejjeż għat-traduzzjoni, waqt li jggarantixxi livell għoli ta' servizz pubbliku u jtejjeb ir-relazzjonijiet u l-fiduċja bejn iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istituzzjonijiet Ewropej;
6. Ifaħħar lill-Ombudsman għall-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' nofs it-term, li jippermettu viżjoni multi-annwali u allokkazzjoni bilanċjata ta' proġetti tul is-snin u għat-tifrix ta' approprijazzjonijiet u l-iġġenerar ta' rilokazzjonijiet;
7. Jinnota l-ftehimha l-ġdida ta' koperazzjoni ffirmata mill-Ombudsman u l-President tal-Parlament Ewropew fil-15 ta' Marzu 2006; iqis li l-ftehimha tafferma mill-ġdid ir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ istituzzjonijiet fir-rigward ta' koperazzjoni konkreta f'numru ta' oqsma, ibbażata fuq il-prinċipji tar-rispett reċiproku għall-indipendenza tal-partijiet, is-setgħat rispettivi tagħhom u l-mandati u l-irwoli rispettivi tagħhom;
8. Jittama li l-ftehimha l-ġdida twassal għal titjib fl-iskambji ta' informazzjoni bejn is-servizzi rilevanti u tħeġġeġ u ssaħħaħ il-proċeduri għall-konsultazzjoni reċiproka u, b'mod ġenerali, toħloq strutturi għal koperazzjoni aktar mill-qrib bl-għan li kull naħa tkun tista' twettaq ix-xogħol tagħha b'mod aktar effettiv.